**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 24 ta` Settembru 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 65/2018 JZM**

**Christopher Caruana (ID 21378M)**

***kontra***

**P & J Co. Ltd (C-5153), u b`digriet moghti fit-3 ta` Mejju 2018 l-isem tal-kumpannija konvenuta gie jaqra "P & J.C Co. Ltd (C-5153)"**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fl-24 ta` Jannar 2018 bil-procedura sommarja specjali jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrent huwa kreditur tal-intimata fis-somma ta` **mitt elf u elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€101,823.50)** kif jirrizulta mid-dokumenti annessi (**Dok.A1 sa A36**);*

*2. Illi l-kreditu tar-rikorrenti jirrigwarda l-bilanc ta` prezz ghal xoghol li gie mwettaq mir-rikorrenti fil-fond proprjeta` tal-konvenuta, kif ukoll ghall-fornitura ta` materjal mir-rikorrent lill-konvenuta. L-ewwel il-partijiet dahlu fi ftehim ghal xoghol gewwa blokka Hal Ghaxaq (**Dok. B** anness) li ffissaw rati u metodu ta` pagament u sussegwentament il-konvenuta ordnat xogholijiet addizzjonali f`postijiet ohra bl-istess rati gja` mifthiema;*

*3. Illi l-intimata, tramite socjeta` terza, kienet hallset parti mill-kont permezz ta` trasferiment ta` garaxx bis-sahha ta` att pubbliku in data 20 ta` Dicembru 2012 (**Dok. C** anness) akkont u hallset ukoll is-somma ta` hmistax-il elf Euro wkoll akkont, izda l-bilanc surreferit qatt ma thallas. L-intimat kien dahal f` promessa ta` trasferiment sabiex jittrasferixxi garaxx iehor lill-esponenti bhala pagament parzjali (**Dok. D** anness) izda l-att finali ta` trasferiment l-intimata rrifjutat li tersaq ghalih;*

*4. Illi dan l-agir ta` l-intimata ma hu xejn hlief ammissjoni tad-dejn li ghandha minkejja li baqghet inadempjenti fil-hlas;*

*5. Interpellata thallas l-intimata baqghet inadempjenti (**Dok E u F** annessi) ;*

*6. Illi l-kreditu tar-rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u minkejja diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, dan l-ammont baqa` ma thallasx;*

*7. Illi r-rikorrent jaf b`dawn il-fatti personalment;*

*8. Illi sa fejn jaf ir-rikorrent, l-intimata ma ghandha ebda eccezzjoni x`taghti kontra t-talbiet tal-istess rikorrent;*

*9. Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi, u dispensat is-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta), ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent huwa kreditur tal-intimata fis-somma ta`* ***mitt elf u elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€101,823.50)*** *rapprezentanti l-bilanc rimanenti ghal xoghol imwettaq u ghall-fornitura ta` materjal lill-konvenuta mir-rikorrenti, skond il-kuntratt ta` appalt bejn il-partijiet ; u*

*2. Tordna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma hawn fuq indikata ta`* ***mitt elf u elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€101,823.50)****.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata, inkluz kull ittra legali mibghuta lilha, bl-imghax mid-data li fih il-bilanc kien dovut sad-data tal-pagament effettiv. L-intimata hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat in-nota li pprezentat il-konvenuta fit-23 ta` Marzu 2018 a tenur tal-Art 170(1) tal-Kap 12.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` Marzu 2018. Billi kienet tal-fehma li l-konvenuta wriet li prima facie ghandha eccezzjonijiet fil-ligi u fil-fatt x`iggib kontra l-istanza attrici, il-qorti akkordat lill-konvenuta zmien ghoxrin jum mid-data tal-udjenza sabiex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta gurmentata li kienet prezentata fit-13 ta` April 2018 li taqra hekk :-

*Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet segwenti*

*1. Illi fl-ewwel lok l-isem korrett tas-socjeta` esponenti huwa P & J.C. Co. Ltd u mhux kif gie erronjament indikat mir-rikorrenti u dana kif jirrizulta mid-dokument gia` esebit u mmarkat bhala Dok PJ1;*

*2. Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretenzjoni tar-rikorrenti qed jigi kkontestat billi ma hemmx qbil fuq l-ammont mitlub;*

*3. Illi mhuwiex ikkontestat illi r-rikorrenti kien gie nkarigat mis-socjeta` esponenti biex jiffabbrika u jinstalla diversi apperturi tal-aluminium f`xi bini appartenenti lis-socjeta` esponenti f`Hal-Ghaxaq, liema xoghol sar;*

*4. Illi l-kontestazzjoni tas-socjeta` esponenti huwa fuq l-ammont bilancjali dovut lir-rikorrenti;*

*5. Illi s-socjeta` esponenti qatt ma cahdet illi kien hemm xi ammont bilancjali dovut lir-rikorrenti, izda qed tikkontesta illi l-ammont bilancjali dovut lir-rikorrenti huwa fl-ammont ta` €69,635.84. Illi skond il-kakoli taghha l-ammont bilancjali dovut lir-rikorrenti huwa fl-ammont ta` €42,595, kif jirrizulta mid-dokument gia esebit u mmarkat bhala Dok PJ2;*

*6. Illi l-fatturi illi esebixxa r-rikorrenti qatt ma inghataw lis-socjeta` rikorrenti, u huma kollha fatturi fabbrikati u li saru kollha zmien twil wara illi kien tlesta x-xoghol u li saru biss a finijiet ta` dawn il-proceduri;*

*7. Illi matul l-andament tax-xoghol ir-rikorrenti kien hareg numru ta` kontijiet, li kopji taghhom gia` gew esebiti w mmarkati bhala Dok Bill 2, Bill 3, Bill 4, Bill 4A, Bill 5, Bill 6, Bill 9, Bill 11 u Bill 12 li jkopru l-istess xogholijiet illi r-rikorrenti qieghed jitlob l-hlas*

*taghhom f`dawn il-proceduri. Illi l-ammonti f`dawn il-kontijiet ma jaqblux mal-ammonti indikati fil-fatturi illi r-rikorrenti ppresenta (vide Dok PJ2).*

*8. Illi in oltre r-rikorrenti qieghed jitlob l-hlas ta` diversi kontijiet illi taghhom gia thallas skond kif jidher mill-ircevuti gia esebiti w li qed jigu indikati ahjar fid-Dok PJ2;*

*9. Illi in oltre l-kuntratt ta` appalt esebit mir-rikorrenti mhuwiex dak finali. Is-socjeta` esponenti gia esebiet kopja ta` l-ahhar verzjoni li gie mmarkat bhala Dok PJ3.*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-3 ta` Mejju 2018 fejn kienet akkordata talba tal-attur ghal korrezzjoni fl-isem tal-kumpannija konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri li kienet prezentata fid-9 ta` Awwissu 2018 li taqra hekk :-

*Illi in segwitu ghall-rikors intavolat mir-rikorrenti nhar il-20 ta` Gunju 2018 b`digriet ta` din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta` Lulju 2018, ir-rikorrenti gie awtorizzat illi jvarja t-talba tieghu fis-sens illi din tigi awmentata mis-somma ta` €69,635.84 ghal €101,823.50, u cjoe awment ta` €32,187.66.*

*Illi in sostenn ta` din iz-zieda fl-ammont mitlub mir-rikorrenti, huwa esebixxa sensiela ta` fatturi.*

*Illi t-talba ghall ammont mizjud ta` €32,187.66 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti :-*

*1. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi dawn il-fatturi qatt ma ntbaghtu lis-socjeta` esponenti u l-ewwel darba illi gew a kkonoxxenza taghhom kienet meta giet notifikata bir-rikors tal-20 ta` Gunju 2018;*

*2. Illi t-talba tar-rikorrenti ghall-hlas tal-ammont mizjud ma dak originali u cioe` in segwitu ghar-rikors tieghu tal-20 ta` Gunju 2018 qed jigi kkontestat stante illi mhuwiex dovut;*

*3. Illi in subsidium minn ezami tal-fatturi ezebiti jirrizulta illi uhud minnhom huma ghall-hlas ta` xogholijiet illi gia` huma koperti minn fatturi ohra gia esebiti mar-rikors guramentat;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw iz-zewg nahat.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Provi</u>

**<u>L-attur</u>** xehed illi huwa kien ha appalt minghand Pio Camilleri, bhala direttur tal-kumpannija konvenuta, ghall-fornitura ta` xoghol ta` aluminium fi blokk bini sitwat go Tal-Millieri, limiti ta` Hal-Ghaxaq. Saru zewg skritturi differenti : wahda fi Frar 2010 u ohra f`Lulju 2016. Skont il-ftehim huwa kellu jlesti x-xoghol, u jithallas in parte fi flus, u in parte b`garages. ta` aluminium u wara jithallas parti bi flus u parti bi tpartit ta` garages. Ix-xoghol kellu jaghmel tajjeb ukoll ghall-hlas ta` l-prezz ta` garage fl-istess blokk. Jghid li

huwa thallas darbtejn tax-xoghol li ghamel ; l-ewwel hlas sar Dicembru 2012 ghall-ammont ta` €23,294, u t-tieni hlas sar Dicembru 2015 ghall-ammont ta`€3,610.

Fisser illi l-invoices kienu jitlestew minn Rosanne Camilleri, li tigi l-mara tat-tifel ta` Pio Camilleri, billi qal illu huwa ma jafx jikteb jew jaqra.

Kompla jixhed illi wara li saret din il-kawza, huwa mar ghand l-accountant tieghu Paul Marmara, li ra d-disinji (li jidhru fid-dokumenti esebiti) u nduna li kien hemm xoghol, li kien imnizzel fid-disinji, u li ma kienx nkluz fl-invoices. L-ammont nieqes kien determinat u kien ghalhekk li talab li l-ammont mitlub fil-kawza tal-lum jizdied minn €69,635) ghal €101,823. L-ammont komplessiv kien jinkludi xoghol li sar ukoll f`bini go Marsakala u Burmarrad. Dwar dan l-ahhar bini, ma kienx hemm ftehim bil-miktub.

Stqarr illi fil-kaz tal-appalt ta` Hal-Ghaxaq, huwa hadem aluminium ghall-blokk maghruf bhala Tal-Millieri. Din il-blokka ghandha entraturi minn Triq tal-Millieri, Triq Habb il-Qamh u Triq in-Nigem. Fiha hemm appartamenti, maisonettes u penthouses. Fil-kuntratt ta` Frar 2010, kien miftiehem li kellu jlesti x-xoghol tal-aluminium fil-blokka u kellu jithallas in parti bi flus u in parte bi tpartit. Fil-kuntratt ta` Lulju 2016, kien miftiehem li ghax-xoghol tieghu kellu jithallas bil-garage nru. 2 fil-blokk tal-Millieri.

Kompla jixhed illi fil-bidu Pio Camilleri kien qallu li l-hgieg tal-aperturi kellu jkun kollu *single glazed*, izda wara xi zmien, ried li l-hgieg ta` l-aperturi ta` wara u ta` quddiem ikunu *double glazed*. Id-differenza fil-prezz ghal *single* u ghal *double glazed apertures* kellha tithallas mis-sidien tal-appartamenti, waqt li d-differenza tal-prezz ghall-hgieg tal-aperturi tal-faccata u ta` wara kellha tithallas mill-kumpannija konvenuta. L-aluminium li ghamel kellu jkun abjad.

L-attur elenka x-xoghol kollu li sar Hal-Ghaxaq.

Dwar l-appalt li sar Marsaskala xehed illi huwa ghamel xoghol f`erba` appartamenti sitwati fi Triq Vittorio Cassar. L-aluminium istallat hemm kien iswed. Il-ftehim verbali li kellu ma` Pio Camilleri kien fis-sens illi l-hgieg kellu jkun *single glazed*. Gara li s-sidien riedu li l-hgieg ikun *double glazed* u hallsu d-differenza fil-prezz.

Ghalhekk dal li ghandu jiehu minghand il-kumpannija konvenuta huwa ghal aperturi bi hgieg *single glazed*.

L-attur elenka x-xoghol li sar Marsakala.

Dwar l-appalt ta` Burmarrad, xehed illi huwa ghamel xoghol go farmhouse. Kien hemm diversi fethiet u hu wahhal hgieg *fixed* u ma` kull wahda ghamel bordura tal-aluminium. Il-hgieg kien *laminated* bi hxuna ta` 19 mm. Kien hemm erbat ihgieg kienu wiesa` 3.62 m u gholja madwar 2.50 m. Kien hemm ukoll hgiega wahda li kellha hxuna ta` 10 mm, gholi ta`metru, u wisgha ta` 2.18 metri.

Stqarr illi l-garage li kien akkwista fl-20 ta` Dicembru 2012, u li qieghed f`St. Peter`s Court, Haz-Zabbar, ma kienx parti mill-hlas tal-appalt. Xtara l-garage bi flus kontanti li ghaddew quddiem in-nutar. Il-prezz kien ta` €10,000.

**<u>Paul Marmara</u>** xehed illi kien ilu tliet snin jaf lill-attur. Kien avvicinat mill-attur sabiex ihejji invoices u statements tal-ammonti li kienu dovuti mill-kumpannija konvenuta ghal xoghol li kien ghamel ghaliha l-attur fi blokk bini sitwat fi Triq Tal-Millieri, Ghaxaq, f`appartamenti go Marsaskalaq u go farmhouse f`Burmarrad.

Qal illi meta hu qabbel id-disinji tax-xoghol tal-attur mal-invoices li tlestew minn Roseanne Camilleri, induna li kien hemm certa xogholijiet li ma kienux indikati fl-invoices. Ghalhekk wara li ghamel l-accertamenti tieghu, hejja invoices godda bix-xoghol kollha li sar mill-attur.

Stqarr illi tax-xoghol kollu ezegwit, l-attur kellu jithallas l-ammont ta` €128,727.51. Kien ircieva pagament ta` €23,294 fl-20 ta` Dicembru 2012 u pagament iehor ta` €3,610 fit-18 ta` Dicembru 2015. Il-bilanc baqa` ma thallasx.

**<u>Michael Ghigo</u>** xehed illi huwa hadem mal-attur ghal diversi snin. Hadem go farmhouse gewwa Burmarrad. Ix-xoghol tieghu kien li jtella` l-hgieg fil-farmhouse.

**<u>Ryan D`Amato</u>** xehed illi huwa xtara wiehed mill-appartamenti fil-blokk ta` Triq Tal-Millieri, Hal-Ghaxaq. L-attur ghamillu xoghol ta` aluminium fil-flat konsistenti minn : i) sitt (6) *sliding windows*; ii) bieb kbir tal-gallarija ta` quddiem *sliding* ; iii) bieb normali tal-gallarija ta` wara bil-h*inges* ; u iv) *railings* tal-gallarija ta` wara u ta` quddiem.

**<u>Mario Ellul</u>** xehed illi huwa kien xtara wiehed mill-appartmenti ta` Triq Vittoria Cassar, Marsascala. Kien l-attur li kien l-aluminium bid-*double glazing.* Huwa hallas tad-differenza fil-prezz bejn hgieg *single glazed* u *double glazed*. Bhala xoghol l-attur ghamel : i) bieb *sliding* fuq wara ; ii) bieb *sliding* fuq quddiem ; iii) bieb bic-cappetti ; u iv) erbat itwieqi *sliding*.

**<u>Mark Anthony Xerri</u>** xehed illi huwa xtara l-penthouse tal-blokk ta` Triq Tal-Millieri, Hal-Ghaxaq. Meta xtara l-post dan kien ghadu minghajr madum u minghajr aluminium. Bhala xoghol l-attur ghamel : i) zewg bibien *sliding* fuq il-faccata ; ii) zewg bibien bil-*hinges* fuq in-naha ta` wara ; u iii) zewgt itwieqi, wahda *sliding* u ohra normali.

**<u>Rosanne Camilleri</u> ssejhet sabiex tixhed *viva voce* mill-attur.**

Xehdet illi Pio Camilleri jigi missier ir-ragel taghha. Kienet ilha tahdem mal-kumpannija konvenuta ghal 22 sena. Il-kumpannija ghandha diversi proprjetajiet. Hija tiehu hsieb l-amministrazzjoni u kull ma jkun hemm bzonn.

Xehdet illi lill-attur kienet ilha tafu sa minn meta kienu zghar ghaliex joqghodu fl-istess rahal. L-attur jaghmel xoghol tal-aluminium u ghamel xoghol b`inkariku tal-kumpannija konvenuta.

Dwar il-kwistjoni mertu ta` din il-kawza, xehdet illi qabel ma bdew il-progett, kienu tawh id-disinji bil-pjanti tal-propjeta` u l-attur tahom stima tax-xoghol. Sar ftehim bil-lista tal-prezzijiet. L-attur kien imur ghandha b`lista tax-xoghol li jkun ghamel bit-tpingijiet u kien jispjegalha ghal liema appartament jew blokka kien jirrelata dak ix-xoghol. Huma kienu jqisu t-tpingijiet tal-attur bhala l-kontijiet tieghu. Ghamlet referenza bhala ezempju ghad-dokument ezebit a fol 373. Fih tidher nota bil-kitba taghha li

tikkonferma li dawk huma tpingijiet li jirreferu ghall-appartament 5. Hi kienet tikteb fejn kien sar x-xoghol. Hija ma kellhiex x`taqsam ma` hlasijiet.

Stqarret illi l-attur ghamel xoghol fil-blokka Tal-Millieri, Hal-Ghaxaq, f`razzett go Burmarrad u f`bini Marsaskala.

Fissret illi l-attur thallas ta` parti sostanzjali tax-xoghol ghalkemm kien baqa` jiehu bilanc.

**In segwitu kien prezentat mill-kumpannija konvenuta affidavit tal-istess Roseanne Camilleri.**

B`zieda ma` li kienet xehdet *viva voce*, ix-xhud ipprecizat li hija mpjegata ta` Ghajn Construction Company Limited izda tiehu hsieb ukoll xoghol tal-kumpannija konvenuta.

Xehdet illi fil-15 ta` Frar 2010, kien sar ftehim mal-attur dwar appalt ta` xoghol ta` aluminium ghal bini Hal-Ghaxaq. Parti mill-prezz tax-xoghol kellu jsir fi flus u parti bi tpartit. Ghalkemm l-attur kellu jlesti fi zmien sentejn kien baqa` ghaddej sal-2017.

Ipprezentat bhala Dok RC1 *spreadsheet* tal-invoices kollha li kien hareg l-attur u *spreadsheet* tal-pagamenti kollha li kienet ghamlet s-socjeta` konvenuta.

Qalet illi meta ssir komparazzjoni bejn Dok RC1 u d-Dok B a fol 252 li pprezenta l-attur jirrizulta qbil hlief ghall-kwistjoni tal-VAT.

Fissret illi s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet rceviet l-invoices kollha li saru bil-*computer* u li gew ezebiti mill-attur f`din il-kawza. Infatti l-ewwel darba li raw dawn l-invoices kien fil-kors ta` din il-kawza.

Qalet illi kienu riskontrati diskrepanzi :

Invoice Nru 24 –

Filwaqt illi fl-invoice originali (Dok L) kien hemm l-ammont ta` € 1,340, l-attur issa qed jitlob €1,392.

Invoice Nru 35 –
Filwaqt li l-fattura originali (Dok Y) kienet tammonta ghal € 1,480, l-attur qieghed jitlob €1,295.48.

Invoice Nru 36 –
Fl-statement tal-attur (Dok B) l-ammont minghajr VAT huwa ta` € 1,257.87, filwaqt illi fil-fattura ezebita mill-attur ukoll (Dok W) l-ammont huwa ta` € 186.

Invoice Nru 60 –
Is-socjeta` konvenuta qatt ma rat l-fattura ezebita bhala Dok Z u Dok Z1. Ghalhekk l-ammont li jidher huwa kontestat.

Tghid illi mal-affidavit taghha hemm dokument li juri l-pagamenti li s-socjeta` konvenuta ghamlet lill-attur. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-attur thallas is-somma ta` €67,786.

Dwar it-trasferiment tal-garage, stqarret illi dak kien ta` kumpannija ohra u cioe` L & A Camilleri Limited.

Kompliet tixhed illi wara li jitnaqqsu l-hlasijiet li ghamlet is-socjeta` konvenuta minn dak li kellha taghti lill-attur, il-bilanc dovut lill-attur kien ta` €39,941. Din is-somma kienet depozitata l-qorti wara li saret din il-kawza.

**<u>Kevin Attard</u>** xehed illi huwa jahdem bhala bajjat. Lill-attur jafu fuq ix-xoghol tieghu. Huwa hadem fuq l-appartamenti ta` Triq Tal-Millieri, Hal-Ghaxaq, meta l-attur hemm kien qed jaghmel xoghol ta`aluminium. Fuq il-post lill-attur biss kien ra jaghmel dak ix-xoghol. Ghamel bibien, twieqi u xoghol iehor tal-aluminium. Dam jahdem hemm ghal madwar sitt xhur.

**<u>Joseph Paul Caruana</u>** xehed illi huwa jigi hu l-attur. Ikkonferma li l-attur ghamel xoghol tal-aluminium fil-blokk ta` Triq Tal-Millieri, Hal-Ghaxaq, fejn hadem bibien, twieqi, gallariji u slidings ghall-blokk kollu. Ghamel ukoll xoghol tal-aluminium fi blokk ta` appartamenti Marsaskala. Ghamel ukoll xoghol ta` aluminium f`razzett Burmarrad fejn anke hu mar jghinu.

Stqarr illi Ludwig Camilleri, li jigi iben Pio Camilleri, kien mar ikellmu d-dar u kien qallu biex jghid lill-attur biex ma jinkwetax ghaliex missieru kien qed jinkih, billi kien se jdawwar ghal fuq isem l-attur tliet garages li kienu qeghdin Hal-Ghaxaq bhala hlas bi tpartit tax-xoghol li kien ghamel l-attur.  Qal illi huh baqa` ma thallasx.

**Fil-kontroezami**, xehed illi ma jafx xi ftehim kellu l-attur mal-kumpannija konvenuta.

Mistoqsi jekk jafx kemm kellu jiehu huh, xehed illi ghalkemm ma jitkellimx ma` huh dwar flus, kellu jiehu madwar €100,000.

**Nazzareno Zahra** xehed illi lill-attur jafu.

Qal illi huwa ra lill-attur iwahhal aluminium fil-blokk ta` appartamenti ta` Tal-Millieri, Hal-Ghaxaq.  Huwa xtara wiehed mill-flats.  Fil-kaz tal-post tieghu, l-attur wahhal hamest itwieqi, bieb kbir tal-gallarija, bieb iehor zghir fuq in-naha ta` wara, u r-railings tal-gallarija.

**Anne Marie Zammit** xehdet illi l-attur huwa klijent tal-kumpannija taghhom F. Zammit Glass Limited u ilu klijent taghhom ghal 7/8 snin.  Huma jfornu l-hgieg ghax-xoghol tal-aluminium li jipproduci l-attur.

Kompliet tghid illi l-attur kien qalilha li kellu progett kbir ta` konsenja ta` xoghol ta` aluminium ghal bini tas-socjeta` konvenuta.

Ipprezentat l-istimi u invoices tal-hgieg li l-attur xtara minghandhom. Ipprecizat li dawn id-dokumenti jirreferu ghal hgieg fornit ghal zewg appartamenti. Sahqet li dawk kienu biss uhud mill-invoices tax-xoghol li kien fornit l-attur.

**Pio Camilleri** xehed illi huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta li topera fis-settur tal-izvilupp u bejgh ta` l-proprjeta.

Xehed illi fl-2010 kellhom progett ghall-bini ta` blokk appartamenti Hal-Ghaxaq.  L-attur kien inkarikat biex jaghmel l-

aperturi tal-aluminium. Wara li ftehmu dwar il-prezzijiet, kien iffirmat kuntratt mal-attur fil-15 ta` Frar 2010. L-attur kellu jithallas in parte fi flus u in parte bi tpartit. Ghalkemm hu nnegozja l-ftehim, l-attur kien jitkellem ma` Roseanne Camilleri dwar il-kontijiet. Qabel din thallas, kienet tkellem lilu u huwa kien jawtorizza l-hlas. Bhala parti mill-prezz tax-xoghol, kien trasferit lill-attur garage li kien valutat €10,000. Il-kuntratt kien sar ghand n-Nutar Charles Mangion. Huma dejjem kienu disposti jhallsu lill-attur dak li kien dovut lilu, imma hu ma riedx jaccetta l-hlas taghhom ; ghalhekk sar depozitu taht l-awtorita` tal-qorti.

## III. Sottomissjonijiet bil-miktub

### 1. L-attur

L-attur jirrileva li qabel saret din il-kawza, is-socjeta` konvenuta baqghet lura milli thallsu, ghalkemm ammettiet li l-bilanc mitlub kien dovut. Kien biss wara li saret din il-kawza li s-socjeta` konvenuta ghamlet depozitu ta` €42,595 taht l-awtorita` tal-qorti. Huwa dejjem kien konsistenti fil-fatturat tieghu, u fl-ahhar mill-ahhar is-socjeta` konvenuta qablet kwazi mal-intier ta` dan l-fatturat hlief ghal xi dettalji zghar.

Isostni li bhala konsegwenza ta` li sar fl-udjenzi tad-19 ta` Frar 2019 u tas-26 ta` Marzu 2019, il-kawza giet stradata fis-sens illi :

i) It-talba attrici hija dik kontenuta fid-Dok SF 1, li tikkomprendi 60 fattura.

ii) Fl-ammont rakkjuz fil-fatturat kien inkluz il-VAT.

iii) Is-socjeta` konvenuta accettat li l-fatturi 1 sa 59 huma dovuti u li x-xoghol sar. Is-socjeta` konvenuta kkontestat biss il-fattura 60 biss.

iv) Huwa accetta li kien hemm zewg pagamenti akkont u ghalhekk il-bilanc reklamat nizel ghal €82.187.10.

v) Huwa accetta wkoll li kien hemm zball fil-invoice 36 u ghalhekk l-ammont reklamat kien ridott ghal €81,115.23.

vi) Is-socjeta` konvenuta allegat li kien fadlilha taghti l-ammont ta` €42,595 li kien depozitat il-qorti.

Josserva li wara li kien prezentat Dok SF1, huwa kkonferma li kienu sar pagament ta` €23,294 u pagament ta` €3,610. Ghalhekk it-talba kienet ridotta minn €109,091.10 ghal €81,115.23. Jidher mill-affidavit ta` Roseanne Camilleri li dan l-ammont mhuwiex kontestat mis-socjeta` konvenuta.

Jirrimarka li mhuwiex kontestat li l-attur ghamel xoghol b`inkariku tas-socjeta` konvenuta, u li kontestazzjoni ewlenija taghha hija hallset dak li kellha taghti lill-attur. Dan ifisser li billi eccepiet il-pagament, il-prova tal-pagament kien jispetta lilha abbazi tal-principju tad-dritt : *"ei incumbit probatio et qui allegat non ei que negat"* : ara d-decizjonijiet - **Strings Enterprises Limited vs Philip Carbonaro et** (PA - 7 ta` Mejju 2013) u **Highway Auto Company Limited vs John Pisani et** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 6 ta` Ottubru 2001).

Jirrileva li d-diversi ricevuti u cheques li kienu prezentati bhala prova tal-hlas minn Roseanne Camilleri fil-fatt mhumiex prova li effettivament saru l-pagamenti. L-attur jikkontendi li dawk kienu pagamenti ghal xoghol iehor li ghamel l-attur f`siti differenti minn dawk tal-kawza odjerna. Referenza ghal Dok RC2 sa Dok RC10 turi li meta l-partijiet riedu jindikaw li l-pagament kien qed isir ghall-progett ta` Hal-Ghaxaq, dan kien indikat dejjem izda dan il-fatt mhuwiex rifless fir-ricevuti kollha.

Josserva li l-pagamenti li jidhru fid-Dok RC5, Dok RC9 u Dok RC10 mhux kontestat ghaliex fil-fatt saru. Dawn huma propju z-zewg hlasijiet ta` €23,294 u ta` €3,610, li ssemmew aktar kmieni. Apparti dawn it-tnejn, jghid l-attur, ma sarux hlasijiet ohra u d-dokumenti l-ohra li kienu prezentati mis-socjeta` konvenuta mhux rilevanti ghall-kawza odjerna.

L-attur jikkontesta Dok RC3, Dok RC4 u Dok RC8, ghaliex meta saru pagamenti ohra li kienu jirreferu ghall-progett ta` Tal-Millieri, Hal-Ghaxaq, kien ikun hemm miktub hekk, u mhux "Ghaxaq" biss. Minbarra dan jirrimarka li fuq kull dokument iehor il-firma tieghu kienet : `Christ Caruana` : waqt li f`dik ir-ricevuta l-firma tghid : `Chris Caruana`.

Dwar Dok RC11, hemm ukoll kontestazzjoni, ghaliex min-naha wahda s-socjeta` konvenuta tghid li t-trasferiment tal-garage sar favur l-attur bi tpartit u bi hlas ghal xoghol, u min-naha l-ohra huwa jsostni li ghal dak il-garage hallas bi flus kontanti quddiem in-nutar. L-attur isostni li abbazi tal-principju tad-dritt : *pacta sunt servanda* : il-kuntratt tal-20 ta` Dicembru 2012 :

i) huwa kuntratt bejn l-attur u L & A Co. Limited, li mhijiex is-socjeta` konvenuta.

ii) li ma fih ebda dikjarazzjoni li L & A Co. Limited qeghda tassumi parti mid-dejn tas-socjeta` konvenuta.

iii) li ma hemm ebda dikjarazzjoni li qed jigi saldat pagament dovut minn terz lill-attur.

iv) li ma hemm ebda dikjarazzjoni dwar l-appalt bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta.

v) li ma hemm ebda dikjarazzjoni li dan kien kuntratt ta` tpartit jew tpacija.

vi) li fil-kuntratt hemm dikjarat li dak kien kuntratt ta` kompravendita fejn thallas prezz.

Fl-ahhar nett, l-attur jirreferi ghas-sentenzi : **<u>Joseph Zammit vs Joseph Hili</u>** [Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) - 27 ta` Gunju 1953] u **<u>Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et</u>** [PA - 28 ta` April 2014] sabiex jirrafferma l-principji li jirregolaw l-oneru tal-prova.

## 2. <u>Il-kumpannija konvenuta</u>

Tindirizza l-kontestazzjoni taghha ghall-azzjoni attrici fuq zewg binarji :

i) li l-attur zied 18% fuq l-ammont li kien miftiehem originarjament bejn il-partijiet, ghaliex allega li l-ammonti li kienu miftehma kienu jeskludu l-VAT.

ii) li l-attur naqas jiehu in konsiderazzjoni numru ta` pagamenti li saru kemm fi flus kif ukoll bi tpartit ma` propjeta`.

Dwar l-ewwel kontestazzjoni, is-socjeta` konvenuta dejjem sostniet li l-prezz li kien miftiehem originarjament kien jinkludi l-VAT. Jidher li fil-mori tal-kawza, l-attur accetta dan il-fatt tant illi fl-udjenza tal-14 ta` Jannar 2019, kien verbalizzat illi : *"l-attur kien qed jiddikjara li l-prezz ghax-xoghol li kien ikkwota lill-kumpannija konvenuta kien jinkludi l-VAT"*. Meta mbaghad kiedn prezentat Dok SF1 jidher li l-attur nehha l-element tal-VAT, anzi ma baqax jitlob z-zieda ta` 18% fuq l-ammont mitlub fil-bidu.

Dwar it-tieni kontestazzjoni, tirrileva li t-talba tal-attur hija bbazata fuq 60 fattura li huma elenkati fid-Dok B. Meta jitnaqqsu t-18% tal-VAT, ghajr xi diskrepanzi zghar, hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-ammonti.

Tibqa` d-divergenza ewlenija bejn iz-zewg nahat li l-attur thallasx pagamenti mis-socjeta` konvenuta li baqa` ma naqqasx mill-ammont pretiz.

Is-socjeta` konvenuta tirreferi ghall-invoice fejn hemm diskrepanzi, u li Roseanne Camilleri spjegat fl-affidavit taghha, in partikolari invoices 24, 36 u 60. Fit-tieni pagna ta` Dok RC1, hemm lista tal-pagamenti li saru lill-attur u cioe` :-

1. 27 ta` Mejju 2011 - € 1,383
2. 20 ta` Lulju 2011 - € 8,410
3. 8 ta` Marzu 2012 - € 6,279
4. 20 ta` Dicembru 2012 - € 23,294
5. 20 ta` Dicembru 2012 - € 10,000
6. 27 ta` Frar 2013 - € 1,840
7. 9 ta` Dicembru 2014 - € 3,170
8. 20 ta` Mejju 2015 - € 9,800
9. 18 ta` Dicembru 2015 - € 3,610

Skont is-socjeta` konvenuta, dawn il-hlasijiet, specjalment il-hames pagament, saru bi tpartit. Bhala hlas akkont kien trasferit favur l-attur garage Haz-Zabbar. Dan huwa fatt li kien rikonoxxjut mill-attur innifsu meta fit-tielet premessa tar-rikors guramentat jghid : " *…. Illi l-intimata, tramite socjeta` terza, kienet hallset parti mill-kont permezz ta` trasferiment ta` garaxx bis-sahha ta` att pubbliku in data 20 ta` Dicembru 2012 (Dok C anness)."* Imbaghad waqt it-trattazzjoni tal-kawza bidel il-verzjoni.

Dwar l-attendibilita` tad-dokumenti li kienu prezentati minn Roseanne Camilleri, is-socjeta` konvenuta tirreferi ghall-verbal li ghamel l-attur fis-seduta tas-26 ta` Marzu 2019, fejn ikkontesta Dok RC4, li hija ricevuta ffirmata mill-attur fejn jghid li rcieva €6,279 fit-8 ta` Marzu 2012 ghal xoghol li sar Hal-Ghaxaq. Meta ssir referenza ghal Dok RC1, bit-tnaqqis tal-pagamenti li saru lill-attur u d-diskrepanzi, il-bilanc dovut lill-attur kien ta` €39,941.

Dwar is-sottomissjonijiet tal-attur, is-socjeta` konvenuta tirrimarka li ghalkemm l-attur ma kkontestax l-ammonti li jirrizultaw minn Dok RC2, RC6 u RC7, jallega li dawk jirreferu ghal xoghol iehor mhux ghal dak mertu ta` din il-kawza. Ma jghidx pero` x`kien dan ix-xoghol u fejn sar. Lanqas Roseanne Camilleri ma kienet domandata xejn mill-attur dwar dan l-allegat xoghol band`ohra. Ghalhekk dak allegat mill-attur jibqa` biss allegazzjoni mhux ippruvata. Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta` Ottubru 2017 fil-kawza **George Gauci vs Arnold Farrugia** inghad hekk : " *… It is therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent …"*

Is-socjeta` konvenuta tissottometti li t-tliet cheques Dok RC2, Dok RC6 u Dok RC7, ladarba kien hemm il-prova li dawn issarfu, ghandhom jitiqiesu bhala prova ta` hlas tax-xoghol mertu ta` din il-kawza anke ghaliex fl-istadju tal-gbir tal-provi ma gewx kontestati mill-attur. L-istess jghodd ghall-kontestazzjoni tal-attur dwar Dok RC4. Ghalkemm kellu c-cans, l-attur ma kkontestax lil Roseanne Camilleri dwar il-fatt li d-dokument kien jirreferi ghax-xoghol mertu ta` din il-kawza.

Is-socjeta` konvenuta tissottometti li hlief l-progett ta` Tal-Milleri, ma kellhiex progetti ohra go Hal-Ghaxaq. Ghalhekk meta hallset bil-kliem Tal-Millieri jew Hal-Ghaxaq kienet qeghda ssir referenza ghall-istess progett.

Taghlaq billi tghid li l-ammont dovut lill-attur huwa ta` € 39,941.

## IV. Konsiderazzjonijiet

Mhux kontestat illi l-attur kien inkarikat mill-kumpannija konvenuta biex jipprovdi xoghol ta` aluminium konsistenti f`bibien, twieqi u railings ghal progetti li kellha Hal-Ghaxaq, Marsaskala u Burmarrad.

Mhux kontestat li thallas akkont.

Kif lanqas ma huwa kontestat li l-pendenzi li l-kumpannija konvenuta kellha mal-attur ma kinux saldati fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

Jirrizulta li fid-data meta kien prezentat ir-rikors guramentat, l-ammont li talab li jithallas kien ta` €69,635.84.

Fil-mori tal-kawza, il-Qorti akkordat talba tal-attur ghal korrezzjoni fir-rikors guramentat sabiex l-ammont reklamat jitla` ghal €101,823.50.

In segwitu, waqt li kien ghaddej is-smigh tal-provi, l-attur naqqas it-talba ghal €81,115.23 (ara l-verbal tal-udjenza tas-26 ta` Marzu 2019).

Il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet tal-bidu :-

i. l-attur ipprezenta statement Dok SF1 a fol 431 et seq fejn indika li l-ammont originarjament dovut kien ta` € 109,091.10 (<u>mhux</u> €101,823.50 skont il-korrezzjoni mitluba u akkordata).

ii. skont l-attur huwa kien thallas zewg pagamenti : wiehed ta` € 23,294 ; u iehor ta` € 3,610. Jekk dawn il-hlasijiet jitnaqqsu mill-ammont li jidher f`Dok SF1 il-bilanc favur l-attur ikun ta` € 82,187 (<u>mhux</u> €81,115.23).

iii. bhala pagamenti favur tieghu l-attur ma nkludiex ammont ta` €15,000 li rrefera ghalih fir-rikors guramentat.

iv. lanqas ma nkuda l-valur ta` garage li kien trasferit favur tieghu b`kuntratt tal-20 ta` Dicembru 2012.

Il-kumpannija konvenuta taccetta li favur l-attur ghad hemm bilanc jithallas fl-ammont ta` €42,595.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tinsab rinfaccjata b`konflitt fil-verzjonijiet taz-zewg nahat dwar punti **sostanzjali** (mhux marginali) tal-vertenza li dwarha trid taghti decizjoni.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et vs Gauci et** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – Prim`Awla tal-qorti Civili – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza **Ciantar vs Curmi noe** kien precizat :–

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**<u>Camilleri vs Borg</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**" – **<u>Appell Kummercjali</u>** – 25 ta` Frar 1952 ; "**<u>Vassallo vs Pace</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**<u>Chef Choice Limited vs Raymond Galea et</u>**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li*

*l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and*

*Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

(ara wkoll : PA : **<u>Montbello vs Montebello</u>** : 19 ta` Novembru 2013 ; Appell Inferjuri : **<u>Dhalia Investments Limited (C1604) vs Gloria Pont</u>** : 6 ta` Dicembru 2011)

**Sabiex tasal biex tiddeciedi liema mill-verzjonijiet hija l-aktar wahda attendibbli u affidabbli, skont il-kriterju tal-bilanc tal-probabilitajiet, il-qorti ghandha toqghod fuq l-ahjar provi li l-partijiet iressqu quddiemha.**

**Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tqis illi l-konteggi ghandhom rilevanza ewlenija ghas-soluzzjoni tal-vertenza.**

Dwar il-kwistjoni tal-VAT :

Wara l-verbal li sar fis-seduta tal-14 ta` Jannar 2019, irrizulta li l-ammonti li l-attur ikkwota lis-socjeta` konvenuta fid-*drawings* tieghu **<u>jinkludu</u>** l-VAT. Ghalhekk huma **<u>dawk</u>** l-ammonti li huma rilevanti mhux l-ammonti fuq l-invoices tal-attur fejn dan zied il-VAT.

Dwar id-drawings tal-attur :

Il-Qorti hadet nota tad-drawings li kienu prezentati bhala prova.

Fil-bicca l-kbira taghhom, jaqblu mal-invoices li kienu prezentati fil-kors tal-kawza.

Qeghda tirreferi l-aktar ghall-invoices numerati 1 sa 35.

Ghal kull drawing hemm invoice. Dan ighodd ghad-dokumenti li kienu prezentati kemm mar-rikors guramentat kif ukoll mar-risposta guramentata.

In segwitu meta l-attur permezz ta` rikors tal-20 ta` Gunju 2018, iddikjara li l-ammont dovut huwa fil-fatt aktar minn dak li

kien talab fir-rikors guramentat, huwa pprezenta numru ta` invoices ohra li jaslu sa invoice 60.

Dwar l-invoice/drawings 36 sa 60, il-Qorti taghmel dawn il-kostatazzjonijiet :-

i. l-invoices precedenti ghan-numru 36, huma aktar dettaljati u jghidu ezattament ghal liema provvista jirreferu : bhala ezempju, l-invoice 32 tghid : "white sliding door" , id-dimensjonijiet, u l-appartament preciz fejn saret l-istallazzjoni.

ii. l-invoices li jibdew min-nru 36, hemm deskrizzjoni generika ta` fejn saru x-xogholijiet : bhala ezempju, l-invoice 36 li tirreferi ghal Block A. Dan huwa kuntrast evidenti u distintiv meta mqabbel mal-invoices ta` qabel, li baqa` mhux spjegat fil-kors tal-kawza.

iii. id-drawings u l-invoices min-nru 1 sa 35 huma wara xulxin. Dawk ta` wara huma differenti fis-sens illi invoice 52 u invoice 44 huma zewg drawings fuq l-istess pagna (fol 331).

Dan li gej huwa prospett ta` l-invoices kollha li gew prezentati bil-konteggi relattivi :-

| | Dok A1-A36 invoices with VAT fol 5-40 | Invoices without VAT fol 5-40 | Dok PJ 2 - statement konvenuti invoices fol 112-169 | Dok PJ 2 - statement konvenuti Drawings fol 112-169 | Invoices pprezentati mill-attur fol 192-251 | Invoices pprezentati attur affi 9/10/2018 fol 296-384 | drawings pprezentati attur affi 9/10/2018 fol 296-384 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | €2,308.63 | €1,956.40 | €1,956.40 | €2,390.00 | €1,956.40 | €1,956.40 | €1,955.00 |
| 2 | €2,471.04 | €2,094.10 | €2,094.10 | €2,094.00 | €2,094.10 | €2,094.10 | €2,094.00 |
| 3 | €2,850.35 | €2,415.55 | €2,415.55 | €2,415.00 | €2,415.55 | €2,415.55 | €2,415.00 |
| 4 | €2,484.79 | €2,105.75 | €2,105.75 | €2,105.00 | €2,105.75 | €2,105.75 | €2,105.00 |
| 5 | €2,924.57 | €2,478.45 | €2,478.45 | €2,478.00 | €2,478.45 | €2,478.45 | €2,478.00 |
| 6 | €461.77 | €391.33 | €391.33 | €390.00 | €391.33 | €391.33 | €390.00 |
| 7 | €1,957.04 | €1,658.51 | €1,658.51 | €1,660.00 | €1,658.51 | €1,658.51 | €1,660.00 |
| 8 | €1,014.26 | €859.54 | €859.54 | €860.00 | €859.54 | €859.54 | €860.00 |
| 9 | €981.28 | €831.59 | €831.59 | €830.00 | €831.59 | €831.59 | €830.00 |
| 10 | €1,407.32 | €1,192.64 | €1,192.64 | €1,200.00 | €1,192.64 | €1,192.64 | €1,200.00 |
| 11 | €2,047.76 | €1,735.39 | €1,735.39 | €1,735.39 | €1,735.39 | €1,735.39 | €1,735.00 |
| 12 | €2,325.37 | €1,970.65 | €1,970.65 | €1,968.32 | €1,970.65 | €1,970.65 | €1,968.00 |
| 13 | €1,113.20 | €943.39 | €943.39 | €943.39 | €943.39 | €943.39 | €943.00 |
| 14 | €2,347.35 | €1,989.28 | €1,989.28 | €1,989.00 | €1,989.28 | €1,989.28 | €1,989.00 |
| 15 | €2,347.35 | €1,989.28 | €1,989.28 | €1,989.00 | €1,989.28 | €1,989.28 | €1,989.00 |
| 16 | €2,388.58 | €2,024.22 | €2,024.22 | €2,025.00 | €2,024.22 | €2,024.22 | €2,025.00 |
| 17 | €2,449.05 | €2,075.47 | €2,075.47 | €2,075.00 | €2,075.47 | €2,075.47 | €2,075.00 |
| 18 | €2,572.73 | €2,180.28 | €2,180.28 | €2,180.00 | €2,180.28 | €2,180.28 | €2,180.00 |
| 19 | €1,346.84 | €1,141.39 | €1,141.39 | €1,140.00 | €1,141.39 | €1,141.39 | €1,140.00 |
| 20 | €1,017.01 | €861.87 | €861.87 | €861.87 | €861.87 | €861.87 | €862.00 |
| 21 | €645.93 | €547.40 | €547.40 | €547.40 | €547.40 | €547.40 | €547.00 |
| 22 | €821.85 | €696.48 | €696.48 | €696.48 | €696.48 | €696.48 | €696.00 |
| 23 | €2,226.41 | €1,886.79 | €1,886.79 | €3,990.00 | €1,886.79 | €1,886.79 | €1,886.00 |
| 24 | €1,643.70 | €1,392.97 | €1,392.97 | €1,340.00 | €1,392.97 | €1,392.97 | €1,340.00 |
| 25 | €1,957.04 | €1,658.51 | €1,658.51 | €1,660.00 | €1,658.51 | €1,658.51 | €1,660.00 |
| 26 | €1,003.26 | €850.22 | €850.22 | €850.00 | €850.22 | €850.22 | €850.00 |
| 27 | €4,246.68 | €3,598.88 | €3,598.88 | €3,600.00 | €3,598.88 | 3,598.88 | 3,600.00 |
| 28 | €4,090.00 | €3,466.10 | €3,466.10 | €3,465.00 | €3,466.10 | €3,466.10 | €3,465.00 |
| 29 | €2,066.99 | €1,751.69 | €1,751.69 | €2,130.00 | €1,751.69 | €1,751.69 | €1,751.00 |
| 30 | €2,240.09 | €1,898.38 | €1,898.38 | €1,900.00 | €1,898.38 | €1,898.38 | €1,898.00 |
| 31 | €2,006.51 | €1,700.14 | ma kienx hemm invoice | €1,700.00 | €1,700.14 | €1,700.14 | €1,700.00 |
| 32 | €2,099.98 | €1,779.64 | €1,779.64 | €1,780.00 | €1,779.64 | €1,779.64 | €1,780.00 |
| 33 | €1,924.06 | €1,630.56 | €1,630.56 | €1,630.00 | €1,630.56 | €1,630.56 | €1,630.00 |
| 34 | €2,319.87 | €1,965.99 | €1,965.99 | €1,955.00 | €1,965.99 | €1,965.99 | €1,965.00 |
| 35 | €1,527.18 | €1,294.23 | €1,294.23 | €1,480.00 | €1,294.23 | €1,294.23 | €1,480.00 |
| | **€69,635.84** | **€59,013.06** | **€57,312.92** | **€62,052.85** | **€59,013.06** | **€59,013.06** | **€59,141.00** |
| **Invoices inserted rikors 20/6/2018** | | | | | | | |
| 36 | | | | | €1,257.87 | €186.00 | €186.00 |
| 37 | | | | | €1,809.92 | €1,809.92 | €1,809.00 |
| 38 | | | | | €1,148.49 | €1,148.39 | €1,148.00 |
| 39 | | | | | €1,525.77 | €1,525.77 | €1,525.00 |
| 40 | | | | | €1,596.25 | €1,596.25 | €1,595.00 |
| 41 | | | | | €2,294.43 | €2,294.43 | €2,295.00 |
| 42 | | | | | €1,111.12 | €1,111.12 | €1,110.00 |
| 43 | | | | | €2,056.83 | €2,056.83 | €2,055.00 |
| 44 | | | | | €1,630.57 | €1,630.57 | €1,630.00 |
| 45 | | | | | €1,779.65 | €1,779.65 | €1,780.00 |
| 46 | | | | | €1,910.08 | €1,910.08 | €1,910.00 |
| 47 | | | | | €2,005.59 | €2,005.59 | €2,000.00 |
| 48 | | | | | €2,021.89 | €2,021.89 | €2,020.00 |
| 49 | | | | | €2,031.09 | €2,031.09 | €2,030.00 |
| 50 | | | | | €2,054.50 | €2,054.50 | €2,054.00 |
| 51 | | | | | €2,056.82 | €2,056.82 | €2,055.00 |
| 52 | | | | | €2,119.72 | €2,119.72 | €2,119.00 |
| 53 | | | | | €2,131.35 | €2,131.35 | €2,130.00 |
| 54 | | | | | €2,154.66 | €2,154.66 | €2,155.00 |
| 55 | | | | | €2,287.44 | €2,287.44 | €2,285.00 |
| 56 | | | | | €2,180.26 | €2,180.26 | €2,180.00 |
| 57 | | | | | €2,397.32 | €2,397.32 | €2,395.00 |
| 58 | | | | | €2,392.23 | €2,392.23 | €2,390.00 |
| 59 | | | | | €5,734.92 | €5,734.92 | €5,730.00 |
| 60 | | | | | €384.34 | €384.34 | €384.00 |
| | | | | | **€50,073.11** | **€49,001.14** | **€48,970.00** |
| **Total** | **€69,635.84** | **€59,013.06** | | | **€109,086.17** | **€108,014.20** | **€108,111.00** |

Il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

i. ghalkemm jidher li invoice 18 tirreferi ghal Block D Flat 4 fl-ammont ta` €2,572.74, l-istess ammont jerga` jirrizulta fl-invoices li pprezenta l-attur fl-20 ta` Gunju 2018 : invoice 56 tammonta ghal €2,822.83.

ii. fl-invoice 23, jidher zball ghaliex Lm810 meta konvertiti f`ewro jigu €1,886.79, mhux €3,990.

iii. fl-invoice 10, jidher zball ghaliex Lm512 meta konvertiti f`ewro jigu €1,192.64, mhux €1,200.

iv. fl-invoice 24, jidher zball ghaliex ghaliex Lm598 meta konvertiti f`ewro jigu €1,392.97, mhux €1,340.

v. id-drawing a fol 144, li kien prezentat mis-socjeta` konvenuta, fejn hemm miktub invoice 1, huwa differenti ghat-tieni drawing li hemm a fol 357, li skont l-attur jirreferi ghal invoice 1. Jidher li drawing a fol 144 kien uzat minflok bhala drawing a fol 296 li jirreferi ghal invoice 58.

vi. l-attur rega` pprezenta invoice 19 (fol 362) li qeghda tirreferi ghat-tieni drawing li hemm a fol 360, izda invoice 19 kien diga` prezentat (fol 321) u jirreferi ghat-tielet drawing a fol 318.

vii. invoice 36 a fol 227 turi ammont ta` €1,257.87, waqt li invoice 36 a fol 364 turi ammont ta` €186.

Fl-affidavit taghha, Roseanne Camilleri pprezentat statement tal-invoices kollha u tal-ammonti relattivi ghall-invoices. L-ammonti jaqblu mal-ammonti li hemm miktubin fuq id-drawings li pprezenta l-attur mal-affidavit tieghu.

Camilleri tiddikjara li l-attur thallas f`disa` okkazjonijiet bil-modalita` segwenti :-

1. cheque ghal €1,383 datat 27 ta` Mejju 2011.
2. cash fl-ammont ta` €8,410 fil-20 ta` Lulju 2011.
3. cash fl-ammont ta` €6,279 fit-8 ta` Marzu 2012.
4. €23,294 fil-20 ta` Dicembru 2012.
5. garage valutat fl-ammont ta` €10,000.
6. cheque ghal €1,840 datat 27 ta` Frar 2013.
7. cheque ghal €3,170 datat 9 ta` Dicembru 2014.
8. €9,800 fl-20 ta` Mejju 2015.

9. €3,610 fit-18 ta` Dicembru 2015.

**<u>Total ta`€67,786</u>.**

L-attur jikkontesta dawn il-hlasijiet.

Jaccetta biss li thallas l-ammonti ndikati bin-nru 4 (€23,294) u 9 (€3,610).

Il-Qorti diga` rrimarkat li fil-premessi tar-rikors guramentat l-attur kien halef illi l-garage li kien trasferit lilu b`kuntratt tal-20 ta` Dicembru 2012 kien jirrapprezenta parti mill-hlas tal-bilanc li kien ghadu dovut mill-kumpannija konvenuta.

Ghalkemm minn qari tal-kuntratt ma jirrizultax indikat li t-trasferiment kien qed isir bhala parti minn hlas li kien dovut lill-attur mill-kumpannija konvenuta, jirrizulta li l-attur ma hallas xejn fuq il-kuntratt. Infatti klawsola (1) tal-kuntratt tghid : *"versu l-prezz konvenut bejn il-partijiet ta` ghaxart elef Ewro (€10,000), liema somma gia` thallset qabel illum mill-kumpratur lill-venditur li qed jaccetta u jhalli d-debita ricevuta."*

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-attur jaghmel l-argumenti tieghu ghaliex din il-qorti ghandha tqis it-trasferiment tal-garage valutat €10,000 mhux bhala hlas akkont tal-bilanc li kien dovut lill-attur izda bhala bejgh. Fl-istess waqt fl-istess nota l-attur ma jghidx li dak li stqarr fil-premessi tar-rikors guramentat kien zbaljat. Lanqas ma jaghti xi raguni plawsibbli li taghmel sens ghala fir-rikors guramentat qal dak li qal. Rinfaccjat bis-skiet tal-attur dwar dak li nghad fir-rikors guramentat, il-Qorti ma tistax twarrab qisu xejn stqarrija ta` sostanza u ta` rilevanza li ghamel l-attur bil-gurament *in limine litis.* Dik l-istqarrija mahlufa tpatti ghal nuqqas ta` kjarezza li forsi tixref mill-mod kif inkiteb il-kuntratt tat-trasferiment tal-garage u dak li attwalment sehh bejn il-partijiet. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqis li l-€10,000 ghandhom jitqiesu bhala hlas li sar favur l-attur.

Ghalhekk mil-lista ta` Roseanne Camilleri, jirrizultaw li saru l-hlasijiet bin-nru 4, 5 u 9 li flimkien igibu total ta` **<u>€36,904</u>** (€23,294 + €10,000 + €3,610).

Ghar-rigward tal-hlasijiet bin-nru 1, 6 u 7 jirrizulta li l-hlas sar b`cheques li ssarrfu. Il-Qorti m`ghandhiex prova li tissoddisfa l-vot tal-bilanc tal-probabilitajiet li twassalha biex tikkonkludi li dawk it-tliet hlasijiet ma sarux b`relazzjoni max-xoghol mertu ta` din il-kawza. Ghalhekk sejra tqis bhala ppruvat il-hlas ta` **<u>€6,393</u>** (€1,383 + €1,840 + €3,170).

Fin-nota ta` osservazzjonijiet l-attur ikkontesta li qatt ircieva l-pagamenti bin-nru 2, 3 u 8. Fil-kaz tal-hlas nru 3, l-attur stqarr illi l-firma attribwita lilu hija differenti mill-firem l-ohrajn fis-sens illi fejn huwa dejjem iffirma "*Christ*" meta hem mil-firma tghid "*Chris*". Tajjeb jinghad li fl-istadju tal-gbir tal-provi, Roseanne Camilleri ma kienet domandata xejn mill-attur dwar dawk il-pagamenti.

Fis-sentenza li tat fit-2 ta` Marzu 2018 fil-kawza **<u>Catherine Cali Vincenti pro et noe vs Stephen Cali</u>** il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Ghalkemm din il-Qorti taqbel illi n-nuqqas li jsir kontro-ezami ta` xhud ma jsarrafx ut sic f`ammissjoni implicita tal-kontenut tad-depozizzjoni tqis ukoll illi dan in-nuqqas inevitabbilment idghajjef il-kontestazzjoni tal-parti l-ohra ta` dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti. Tqis ukoll bhala pjuttost fiergha s-sottomissjoni li ghamlet l-attrici fir-rikors tal- appell taghha, illi in-nuqqas ta` reazzjoni jew kontestazzjoni formali ta` argument jew allegazzjoni imressqa mill-parti l-ohra, ghandu jitqies bhala kontestazzjoni. Hawnhekk mhux qeghdin fil-kamp tal-kontumacja fejn dan l-argument tal-attrici kien ikollu mis-sewwa, izda fil-kamp tal- provi fejn l-applikazzjoni tal-principju actor non probante reus absolvitur, galadarba tkun saret il-prova, tesigi li l-oneru tal-prova jaqa` fuq il-parti opposta biex, jekk jidhrilha, tressaq provi kuntrarji biex iqieghed fid-dubju l-prova akkwizita."*

Dan premess, u wara li qieset ix-xiehda u rat id-dokumenti, il-Qorti tirrileva li wara li l-kumpannija konvenuta ghamlet il-prova tal-pagament, prova li kienet tinkombi lilha peress illi kienet hi li eccepiet il-hlas, kien imbaghad jinkombi lill-attur li jikkontesta bi

provi tieghu li l-hlas ma sarx kif pretiz mill-kontroparti. Tosserva li waqt il-gbir tal-provi, l-attur ma attakkax il-validita` o meno tal-firem tieghu, lanqas dak tan-nru 3. Ghalhekk ma jistax jippretendi l-attur li jista` jaqleb ta` taht fuq l-essenza tal-ligi procedura billi jghid f`nota ta` osservazzjonijiet dak li ghazel ma jippruvax fl-istadju tal-gbir tal-provi meta kellu c-cans kollu biex jaghmel dan.

Abbazi tal-ahjar prova, debitament konfermata bil-gurament, meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet, din il-Qorti taccetta li s-socjeta` konvenuta ghamlet ukoll il-pagamenti bin-nru 2, 3 u 8 fl-ammont ta` **<u>€24,489</u>** (€8,410 + €6,279 + €9,800).

B`hekk jirrizulta ppruvat li l-kumpannija konvenuta ghamlet hlasijiet fl-ammont totali ta` **<u>€67,786</u>**.

Fil-kors tal-izvolgiment ta` din il-kawza, l-invoices u drawings kienu prezentati erba` darbiet, min-naha u mill-ohra. Meta jsir l-ghadd tal-invoices kollha, l-ammont globali taghhom jirrizulta li kien ta` **<u>€108,014.20</u>** (ara l-ispreadsheet li taghmel parti minn din is-sentenza). Dan jirrizulta mill-invoices kollha imma in partikolari dawk li gew prezentati mill-attur minn fol 296 sa fol 384 li huwa s-sett komplut tal-invoices minn 1 sa 60. Jekk jittiehdu in konsiderazzjoni d-diskrepanzi li gew elenkati aktar kmieni, jirrizulta li l-invoices li huma esebiti a fol 296 sa fol 384 (kolonna G) huma dawk l-aktar attendibbli u affidabbli bhala kwalita` ta` prova.

Cio` nonostante t-talba tal-attur baqghet <u>€101,823.50</u>, u cioe` t-talba awmentata fl-ghadd mhux dik ta` €69,635.84 li kienet inizjalment fir-rikors guramentat. U sakemm il-kawza thalliet ghas-sentenza, it-talba attrici kif modifikata baqghet l-istess fir-rikors guramentat korrett. Dan ifisser li l-Qorti hija prekluza milli tadotta ammont superjuri minn dak ta` €101,823.50, jirrizulta x`jirrizulta mid-dokumenti, ladarba t-talba attrici baqghet dik ta` €101,823.50. Tenut kont li diga` accettat bhala ppruvat li qabel il-prezentata ta` din il-kawza, l-attur kien ircieva bhala hlas, skont kif kien spjegat aktar kmieni, ammont ta` €67,786, il-Qorti tikkonkludi li l-bilanc dovut lill-attur huwa ta` **<u>€34,037.50</u>** (€101,823.50 - €67,786). Effettivament ghalhekk jirrizulta li l-ammont bilancjali ta` €42,595 li s-socjeta` konvenuta ddepozitat taht l-awtorita` tal-qorti fil-mori tal-kawza kien superjuri minn dak li rrizulta attwalment dovut lill-attur. L-imghax ghandu jibda jiddekorri b`effett mil-lum peress illi sabiex waslet ghal din il-figura, il-Qorti kellha taghmel accertamenti attinenti ghal process kompless ta` likwidazzjoni. Ghalhekk f`dan

il-kaz ghandu jkun applikat il-principju tad-dritt : *in illiquidis non fit mora.*

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa kreditur tal-kumpannija konvenuta fl-ammont ta` erbgha u tletin elf u sebgha u tletin Ewro u hamsin centezmu (€34,037.50) rapprezentanti l-bilanc dovut ghax-xoghol ta` aluminium u fornitura ta` materjal mertu ta` din il-kawza pprovdut mill-attur lill-kumpannija konvenuta.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` erbgha u tletin elf u sebgha u tletin Ewro u hamsin centezmu (€34,037.50) skont l-ewwel talba, bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-attur u in kwantu ghal terz mill-kumpannija konvenuta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**